Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2165(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2165(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-"eu-LISA") għas-sena finanzjarja 2022 bħala legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Jiddispjaċih li, fl-2022, ammont ta' EUR 17,8-il miljun, li jirrappreżenta 4,8 % tat-total tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli, kien infiq mhux konformi li qabeż il-livell limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu, u għalhekk dan wassal lill-Qorti biex tagħti opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, wara l-opinjonijiet kwalifikati dwar l-irregolarità tal-pagamenti tal-eu-LISA fl-2020 u l-2021; jiddispjaċih li diversi osservazzjonijiet tal-Qorti minn snin preċedenti għadhom għaddejjin; jistieden lill-eu-LISA ssegwi l-osservazzjonijiet tal-Qorti u żżid l-isforzi biex timplimenta azzjonijiet korrettivi fil-każijiet kollha li fadal ta' nuqqas ta' konformità u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress miksub;

3. Jinnota bi tħassib l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, u dwar il-ġestjoni baġitarja filwaqt li jinnota li r-rati għolja rikorrenti ta' riporti, li jirrappreżentaw EUR 14,4-il miljun tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2022 riportati għall-2023, jikkontradixxu l-prinċipju baġitarju tal-annwalità u jindikaw problemi strutturali fil-proċess baġitarju u fiċ-ċiklu ta' implimentazzjoni;

4. Jiddispjaċih li diversi pagamenti tal-2022 kienu marbuta ma' tliet kuntratti inkluż kuntratt speċifiku wieħed ta' EUR 40 miljun, li nstab li kienu irregolari fl-2021 u l-2022; jinnota t-tweġibiet tal-eu-LISA li jistipulaw li n-numru ta' kuntratti irregolari ġew riveduti u emendati jew ma ġewx estiżi sal-2023;

5. Jinnota b'dispjaċir li, mid-disa' osservazzjonijiet tal-Qorti tal-2017, l-2018 u l-2021, waħda biss ingħalqet; jirrikonoxxi li l-eu-LISA żviluppat pjan ta' azzjoni biex tindirizza s-sitt osservazzjonijiet li għaddejjin mill-2021; jitlob implimentazzjoni sħiħa ta' dan il-pjan ta' azzjoni; jistieden lill-eu-LISA tindirizza bis-sħiħ l-osservazzjonijiet tal-Qorti u tirrapporta dwar il-progress miksub;

6. Jinnota l-kooperazzjoni tal-eu-LISA mal-aġenziji tal-UE, speċjalment mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) dwar l-iżvilupp tal-ETIAS, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) dwar l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar is-SIS (riformulazzjoni), l-EES, l-ETIAS u l-interoperabbiltà, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) dwar l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN u l-e-CODEX, ir-regolamenti dwar l-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA) dwar l-implimentazzjoni tar-regolament tal-

Kummissjoni dwar in-network ta’ komunikazzjoni elettronika “DubliNet”, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) dwar l-organizzazzjoni ta’ korsijiet ta’ taħriġ konġunti dwar l-użu tas-sistemi tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar l-organizzazzjoni ta’ korsijiet ta’ taħriġ konġunti li jenfasizzaw l-aspett tad-drittijiet fundamentali fil-ġestjoni tas-sistemi ta’ informazzjoni tal-ĠAI; iħeġġeġ lill-eu-LISA tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-aġenziji tal-UE;

7. Jinnota l-provvista kontinwa ta’ servizzi ta’ hosting għas-sistemi ta’ riżerva tal-Frontex u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil; jinnota l-iżvilupp u l-implimentazzjoni taċ-“ċentru tad-data bħala servizz” għaċ-ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni operattiva, il-monitoraġġ u l-ippjanar tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-IT użata mis-sistemi tal-ĠAI; jilqa’ l-progress li sar fit-tħejjijiet għaċ-ċentru tad-data modulari futur li se jipprovdi kapaċità ta’ riżerva addizzjonali u żieda fil-kapaċità ta’ 50 % għall-hosting ta’ sistemi ġodda tal-ĠAI; ifakkar fl-importanza tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE b’mod partikolari f’termini ta’ protezzjoni tad-data.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 –: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

55	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

0	-

2	0
ID	Patricia Chagnon
NI	Milan Uhrík

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni